# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 16**

**Rikors numru 440/09/1 TA**

**Lawrence Ellul**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

1. Qorti Ċivili, Prim' Awla tal-24 ta' Settembru 2019 li biha ġie ordnat sabiex minnufih jagħti lura lir-rikorrenti l-vettura Toyota Hilux VIN: PN133JV2508002481.

2. Dawn il-proċeduri nbdew permezz ta' rikors li r-rikorrent ippreżenta fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Mejju 2009 fejn ippremetta u talab is-segwenti:

*"1. Illi fil-bidu tas-sena 2006 l-esponent importa f'Malta vettura tal-għamla Toyota Hilux VIN: PN133JV2508002481.*

*2. Illi sussegwentement kien hemm opposizzjoni kemm mill-Awtorita Dwar it-Trasport kif ukoll mill-intimat sabiex l-istess vettura tiġi rreġistrata u tiġi lliċenzjata fuq isem l-esponent stante illi kienet għaddejja xi investigazzjoni mill-Pulizija Ezekuttiva dwar il-provenjenza tal-istess vettura.*

*3. Illi bejn il-bidu tas-sena 2006 sat-18 ta' Frar 2009 l-imsemmija vettura baqgħet fil-pussess tar-rikorrenti pero mingħajr numru ta' reġistrazzjoni u mingħajr liċenzja u allura mingħajr il-possibilita tar-rikorrent li jagħmel użu minnha.*

*4. Illi fit-18 ta' Frar 2009 din il-vettura ġiet elevata mingħand ir-rikorrent u għaddiet fil-pussess tal-Kontrollur tad-Dwana u baqgħet fil-pussess tiegħu sal-lum.*

*5. Illi r-rikorrent ittanta jitkellem mal-Kontrollur tad-Dwana jew rappreżentant tiegħu sabiex din il-vettura tiġi rilaxxjata lill-esponent, madanakollu fit-3 ta' April 2009 il-Kontrollur tad-Dwana qabad u arbitrarjament, illegalment abbużivament, in mala fede u b'mod mhux raġjonevoli ħareġ nota ta' qbid numru 42/2009 hawn annessa u mmarkata bħala dokument A dwar din il-vettura ai termini tal-artikoli 60(b) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*6. Illi din in-nota ta' qbid inħarġet illegalment, inġustament, b'mod abbużiv, in malafede, arbitrarju, b'mod mhux raġjonevoli u mingħajr ġustifikazzjoni legali fil-konfront tar-rikorrenti u għalhekk għandha tiġi rrevokata stante li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda ksur tal-artikolu 60(b) tal-kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u inoltre dan l-artikolu tal-liġi citat fin-nota ta' qbid relattiva ma japplikax għall-każ odjern.*

*7. Illi l-intimat minkejja li ġie debitament interpellat permezz ta' ittra uffiċjali mmarkata Dok B sabiex jirrilaxxja l-imsemmija vettura huwa baqa' inadempjenti.*

*8. Illi għal kull bon fini qed jiġi kkonfermat illi l-valur tal-vettura in kwistjoni jaċċedi l-Euro 11646.87.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi n-nota ta' qbid numru 42/2009 inħarġet illegalment, inġustament, in mala fede, b'mod mhux raġjonevoli, b'mod arbitrarju, u mingħajr ġustifikazzjoni legali effettiva fil-konfront tar-rikorrenti u bi ksur tal-artikoli 72 tal-Kap 37 u għandha tiġi rrevokata stante illi ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 60(b) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ odjern.*

*2. Tordna lill-intimat sabiex jirrilaxxja b'effett immedjat il-vettura tal-marka Toyota Hilux VIN: PN 133JV2508002481 a favur tar-rikorrenti.*

*3. Tiddikjara lill-intimat responsabbli għad-danni kollha sofferti minnu bħala konsegwenza tal-ħruġ tan-nota ta' Qbid 42/2009 fuq imsemmija u tal-azzjonijiet tiegħu sussegwentement għal tali ħruġ.*

*4. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mir-rikorrenti okkorrendo bl-opera tal-periti nominandi.*

*5. Tikkundanna lill-intimat li jħallas lir-rikorrenti kwalsiasi ammont li jiġi hekk likwidat.*

*Bl-ispejjes u nteressi legali kontra l-intimat li jibqa' minn issa inġunt in subizzjoni."*

3. L-intimat wieġeb:

*"1. Illi preliminarjament jingħad li hemm tliet kawżi relatati ma' din l-istess importazzjoni ta' tliet vetturi Toyota Hilux, u ċioe dik odjerna, kif ukoll Rik 439/09JRM John Ellul vs Kontrollur tad-Dwana, u Rik 441/09RCP Kevin Ellul vs Kontrollur tad-Dwana. Peress li dawn it-tliet kawzi jirriżultaw mill-istess importazzjoni, u fihom se jitressqu l-istess provi u l-istess punti legali, ikun opportun li t-tliet kawzi jimxu flimkien u jkunu deċiżi mill-Qorti preseduta mill-istess Onorabbli Imħallef. Għalhekk l-esponent se jippreżenta talba biex iż-żewġ kawzi l-oħra jinstemgħu u jkunu deċiżi flimkien ma' Rik 439/09JRM John Ellul vs Kontrollur tad-Dwana.*

*2. Illi fil-mertu n-nota ta' qbid numru 42/09 inħarġet mill-esponent skont il-liġi u dan peress li rriżulta mill-investigazzjonijiet li għamlu l-esponent u l-Kummissarju tal-Pulizija li l-vettura Toyota Hilux VIN:PN133JV2508002481 hija vettura misruqa fil-Malasja. Għalhekk bħala tali, hija oġġett ipprojbit fis-sens tal-artiklu 60(b) tal-Kap 37 u ma tistax tidħol f'Malta.*

*3. Illi l-esponent huwa l-awtorita' kompetenti li jikkontrolla d-dħul tal-merkanzija f'Malta u bħala tali għandu l-obbligu li jenforza kemm il-liġijiet doganali kif ukoll liġijiet oħra li jistgħu jinkisru permezz ta' importazzjoni t'oġġetti. Ċertament id-dħul f'Malta ta' oġġett misruq imur kontra l-ittra u l-ispirtu ta' diversi liġijiet u għalhekk din il-vettura ma tistax titħalla tidħol f'Malta u tkun reġistrata daqs li kieku l-provenjenza tagħha hija waħda regolari.*

*4. Illi mill-2006 lil hawn, il-vettura in kwistjoni kienet fil-pussess tar-rikorrent imma ssiġillata mill-esponent. Bejn dakinhar u llum, saret investigazzjoni mill-esponent u mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn irriżulta li din il-vettura kienet misruqa, liema investigazzjoni involviet*

*kuntatti mal-Interpol ta' diversi pajjiżi. Saru wkoll diversi laqgħat bejn il-partijiet u bejn l-avukati rispettivi tagħhom.*

*5. Illi l-proċedura odjerna hija proċedura in rem u għalhekk li hu relevanti biss għall-fini ta' din il-kawża huwa l-oġġett innifsu. Għalhekk, anke jekk għall-grazzja tal-argument jirriżulta li l-vettura in kwistjoni kienet misruqa qabel ġiet f'idejn ir-rikorrent, xorta waħda din il-vettura ma tistax tkun f'Malta għaliex tibqa' oġġett ipprojbit.*

*6. Illi rigward it-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jissottometti li ladarba din hija kawża biex timpunja qbid t'oġġett mill-esponent ai termini tal-artiklu 72 et seq tal-Kap 37, l-unika talba li tista' ssir hija għar-rilaxx tal-oġġett, u dan ai termini tal-artiklu 73(2) tal-istess Ordinanza.*

*7. Illi rigward it-talbiet għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, l-esponent jissottometti li dawn ma setgħux isiru f'din il-proċedura. Mingħajr preġudizzju għal dan, jgħid ukoll li f'kull każ, kwalunkwe talba għal danni kontra għemil amministrattiv, inkluż din, trid tkun deċiża fid-dawl tal-artiklu 469A tal-Kap 12, u ċioe li l-ewwel trid tkun ippruvata mala fede biex l-amministrazzjoni twieġeb għad-danni. L-esponent isostni li f'dan il-każ in-nota ta' qbid inħarget skond il-liġi u ma kien hemm l-ebda abbuż jew mala fede jew deċiżjoni arbitrarja involuta.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontrih."*

4. Permezz ta' sentenza mogħtija fl-24 ta' Settembru 2019, l-ewwel Qorti ddeċidiet:

*"**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba** rikorrenti u konsegwentement tillibera lil-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju rigward l-istess.*

***Tilqa' t-tieni talba** rikorrenti u **tordna** lill-intimat sabiex jirrilaxxja b'effett immedjat il-vettura tal-marka Toyota Hilux VIN:PN133JV2508002481 a favur tar-rikorrenti.*

***Tilqa' s-sebgħa eċċezzjoni tal-intimat** u konsegwentement **tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet, raba u ħames talbiet attriċi** u tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju rigward l-istess.*

*Fiċ-ċirkostanzi spejjeż tal-kawża, inkluż tal-ittra uffiċċjali tal-14 t'April 2009, għandhom ikunu sopportati mill-intimat."*

5. L-ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha *inter alia* fuq il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *"...*
>
> *4. Il-vettura akkwistata mir-rikorrent waslet Malta lejn l-aħħar tas-sena 2005 u l-bidu tas-sena 2006. Hija ngħatat it-timbru tar-rilaxx mill-Awtoritá Dwar it-Trasport (ADT) fis-16 ta' Jannar 2006 (ara Dok A a' fol 29). Skont l-uffiċjal tal-ADT Brian Farrugia, ir-rilaxx tal-vetturi nħareġ "għax mid-dokumenti li kienu provdew is-sinjuri jirriżulta li kollox sewwa" (ara fol 60). Jirriżulta mix-xhieda tal-uffiċjal imsemmi, kif konfermata minn dik tal-ispettur Stephen Mallia, li dawn id-dokumenti ġew spezzjonati u ttimbrati mill-Pulizija fid-9 ta' Jannar 2006 (ara xhieda Brian Farrugia a' fol 60 u xhieda Spettur Stephen Mallia a' fol 69).*
>
> *5. Brian Farrugia żied jgħid li t-tlett vetturi ġew rilaxxjati kontra garanzija bankarja fl-ammont komplessiv ta' LM12,000 (ara fol 61). Skont l-istess uffiċċjal, iċ-ċekkijiet relattivi li ġew depożitati għal kull waħda mit-tlett vetturi huwa ta' LM3,600 (ara fol 62). Jirriżulta minn din ix-xhieda li permezz ta' dokument datat ħdax il-xahar wara preċiżament fid-9 ta' Novembru 2006, il-Pulizija ddikjarat "... li m'hemmx foul play, il-pulizija qed jgħidulna li waqt l-inspection li għamlu fuq dawn it-tlett vetturi ma sabu l-ebda tampering".*
>
> *...*
>
> *7. Għalkemm il-vettura ġiet rilaxxjata u għaddiet fil-pussess tar-rikorrent, huwa ma setgħax jagħmel użu minnha peress li l-Awtoritá dwar it-Transport u l-intimat naqsu milli jirreġistrawha u jilliċenzjawha (ara premessa numru 2 u 3 a' fol 1). Ir-raġuni li inghatat kienet li kienu għaddejjin investigazzjonijiet mill-Pulizija fuq suspett li dawn it-tlett vetturi kienu misruqa peress li kienu kważi ġodda u kellhom low mileage (ara affidavit Lawrence Ellul a' fol 27 paragrafu 2 u xhieda Spettur Stephen Mallia a' fol 70).*
>
> *8. Din is-sitwazzjoni baqgħet tipperdura għal tlett snin sakemm fit-18 ta' Frar 2009 l-uffiċjali tal-Fraud Squad tad-Dwana elevaw il-vettura mill-garage tar-rikorrent fi 22, Triq il-Ħarrigiet, Mqabba (ara vehicle withdrawal form a' fol 35, ara wkoll affidavit Lawrence Ellul a' fol 28).*
>
> *9. Xahrejn wara, preċiżament fit-3 ta' April 2009, l-intimat ħareġ in-nota ta' qbid in kwistjoni bin-numru 42/2009 (a' fol 4). F'din in-nota ġie dikjarat fil-parti intestata bhala "Tagħrif qasir għaliex sar il-Qbid" li l-Vettura ġiet impurtata jew imdaħħla "Bi ksur ta' l-artikolu 60(b) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, tal-Liġijiet ta' Malta."*
>
> *...*

*13. ... l-Qorti ser tkun qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tal-Attur. Dan peress li f'din il-proċedura stabbilita fl-artikoli preċitati, l-Qorti li trid tara huwa jekk il-persuna li tkun qed tipproponi din l-azzjoni huwiex intitolat li jieħu lura l-ħwejjeġ hekk konfiskati.*

*...*

*15. Mill-atti joħroġ ċar li r-rikorrent mexa perfettament in linea mal-liġijiet doganali applikabbli billi pproduċa d-dokumenti mitluba minnu u ħallas il-garanzija mitluba kif ukoll id-dazju u l-VAT (ara xhieda Brian Farrugia a' fol 60 u 61 u kontro-eżami ta' Frank Tartaglia a' fol 95 u 96). Jirriżulta mill-affidavit ta' Frank Tartaglia (a' fol 92 fl-atti tal-proċess 439/09) li l-unika nuqqas tal-attur huwa li ma ppreżentax xi dokumentazzjoni ulterjuri li l-intimat talbu jipproduċi sabiex jissostanzja l-valur kif xtara. Mill-kontro-eżami ta' Frank Tartaglia joħroġ iżda li din it-talba ma saritx b'mod formali iżda biss verbalment lil wieħed mis-sidien tat-tlett vetturi (a' fol 98 u 99). Is-Sur Tartaglia ma setax jidentifika b'ċertezza dan il-wieħed min kien ...*

*16. Apparti minn hekk dokumentazzjoni ulterjuri m'għandha x'taqsam xejn mal-investigazzjonijiet fuq il-vettura tal-attur li kienu qed isiru mill-Pulizija ...*

*...*

*17. Madanakollu, fis-sentenza Priscilla Cassar pro et -vs- Il-Kontrollur tad-Dwana supra, il-Qorti tal-Appell rriteniet li fl-eżaminazzjoni ta' jekk effettivament kienx hemm ksur tad-disposizzjoni invokata mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid, f'dan il-każ l-artikolu 60(b) tal-Kap. 37, il-Qorti għandha essenzjalment tikkonsidra l-komportament tal-allegat vjolatur ...*

*18. Din il-Qorti taqbel perfettament ... Li l-komportament tal-allegat vjolatur għandu jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni ta' jekk hemmx ksur fil-liġi doganali invokata mill-intimat, huwa mhux biss rifless fl-artikolu 61 tal-Kap 37 msemmi fis-sentenza appena ċitata iżda wkoll fl-artikolu 62 tal-istess Kap.*

*19. Is-sub-inċiż (a) ta' dan l-artikolu 62 fil-fatt jissoġġetta lil min jimporta jew idaħħal f'Malta oġġetti pprojbiti għal piena ta' multa jew għall-multa u priġunerija flimkien. Allura jekk skont l-intimat, ir-rikorrent importa oġġett ipprojbit bi ksur tal-artikolu 60(1)(b) tal-Kap 37, dan huwa ħati ta' kontravenzjoni tal-Ordinanza tad-Dwana taħt l-artikolu 62(a) u għalhekk għandu neċessarjament jiġi assoġġettat għal piena stabbilita fl-imsemmi artikolu 62. Ir-rikorrent iżda, ma ġiex hekk assoġġettat. Ma rrisultax li kien jipposjedi l-element intenzjonali li jikser il-liġi. Anzi jirrisulta li mexa mal-liġijiet doganali. Dan iwassal għal konklużjoni li sabiex vettura misruqa titqies oġġett ipprojbit li għandu jiġi konfiskat fit-termini tal-artikolu 60(1)(b), l-aġir tal-allegat*

*vjolatur, f'dan il-każ l-attur, irid ikun wieħed in kontravenzjoni tal-ordinanza.*

*20. Jirriżulta mill-fatti fuq imsemmija li l-attur ma kiser l-ebda dispożizzjoni doganali tant li, kif joħroġ mix-xhieda ta' Brian Farrugia, permezz ta' ittra datata 9 ta' Novembru 2006, il-Pulizija ddikjarat "... li m'hemmx foul play, il-pulizija qed jgħidulna li waqt l-inspection li għamlu fuq dawn it-tlett vetturi ma sabu l-ebda tempering ... qegħdin jgħidu illi huma waqt li kellhom meeting mad-direttorat u li ġew importati dawn it-tlett vetturi ma sabu l-ebda tempering fihom minn naħa tagħhom u ma hemm l-ebda criminal liability li tista' tieħu l-pulizija fil-konfront tagħhom" (fol 64) ....*

*22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti għalhekk li ladarba r-rikorrent ma kiser l-ebda dispożizzjoni doganali, l-Kontrollur ma setgħax jaqbad il-vettura u jqiegħda taħt il-kustodja tiegħu fuq sempliċi senjalazzjoni mill-interpol ta' Kuala Lumpur li din ġiet misruqa mill-Malasja (ara fol 72). L-Ordinanza tad-Dwana imkien ma tagħti l-fakultá lill-intimat li jirrikorri għal dak it-tip ta' rimedju meta ir-rikorrent qua importatur ma jkun kiser l-ebda dispożizzjoni doganali. L-Ispettur stess jirrikonoxxi dan meta fix-xhieda tiegħu jispjega x'għamel wara s-senjalazzjoni mill-Interpol Malajsjana li din il-vettura kienet insterqet minn hemm ...*

*23. Il-Qorti żżid tgħid li l-Ordinanza tad-Dwana mhux talli ma tagħti l-ebda fakultá lill-Kontrollur li jaqbad il-vettura iżda talli tipprekludih milli jagħmel dan fi stadju fejn, bħal dan il-każ, l-importazzjoni kienet ġiet milqugħa bir-rilaxx tal-vettura f'idejn l-attur. Tabilħaqq, ladarba il-vettura kienet ġiet rilaxxjata, l-vettura ma setgħetx tiġi pprivata mir-reġistrazzjoni u l-liċenzjar. Wisq iżjed ma seta l-Kontrollur jaqbad il-vettura mingħajr mandat taħt il-firma tal-Avukat Ġenerali jew tal-maġistrat hekk kif impost fl-artikolu 71 tal-Kap. 37. Bil-fatt li l-Kontrollur aġixxa mingħajr l-awtorizzazzjoni rikjesta fl-artikolu msemmi, l-qbid minnu tal-vettura mhux biss ma huwiex ġustifikat iżda huwa wkoll wieħed illegali.*

*26. ... sa fejn jirrigwarda t-talba għad-danni, fid-dawl ta' dak li jipprovdi artiklu 74(3) tal-istess liġi, din ma tistax issir f'dawn il-proċeduri salv għal kull rimedju ieħor li l-individwu jista' jkollu skont il-liġi jekk ikun il-każ.*

*27. Għal dawn l-istess raġunijiet hekk senjalati fis-sentenza ċitata il-Qorti sejra tqis l-aħħar eċċezzjoni tal-intimat bħala waħda mistħoqqa u sejra tilqagħha."*

6. L-intimat appella mis-sentenza surriferita. Sostanzjalment isostni:

(i) illi l-vettura in kwistjoni ġiet akkwistata mill-appellat mingħand ditta G.K. Motors ġewwa Dubai flimkien ma' żewġ vetturi oħra tal-istess għamla akkwistati waħda minn ħu l-appellat u l-oħra minn ibnu;

(ii) illi madanakollu, minn investigazzjoni li għamlet il-pulizija tramite kuntatti mal-*Interpol* ta' Dubai u Kuala Lampur fil-Malażja, irriżulta li dawn il-vetturi nsterqu fil-Malażja, u dan ġie wkoll ikkonfermat mill-aġent lokali;

(iii) illi għalhekk, skont l-Artikolu 60(1)(b) tal-Kap. 37, huwa kien fl-obbligu li jaqbad l-istess vetturi; u

(iv) illi peress li dawn huma proċeduri *in rem,* għall-fini ta' din il-kawża huwa rilevanti biss l-oġġett innifsu u m'ghandu x'jaqsam xejn l-element tal-*buona fede* tal-importatur, kif deċiż mill-ewwel Qorti.

7. Jilmenta għalhekk illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi u li huwa ma kellux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż. Abbażi ta' hekk talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu *in toto,* bl-ispejjeż kontra l-appellat.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

8. Mill-atti jirriżulta illi:

8.1. F'Diċembru tal-2005, l-appellat, ħuh John Ellul u ibnu Kevin Ellul ilkoll xtraw vettura tal-marka *Toyota Hilux (Pickup)* bħala *second hand* mingħand il-kumpanija G. K. Motors ġewwa Dubai;[1]

8.2. Il-vettura mportata mill-appellat għandha ix-*chassis number* PN133JV2508002481 u waslet Malta fl-1 ta' Jannar tal-2006;

8.3. Fl-10 ta' Jannar 2006, l-istess ġiet spezzjonata minn uffiċjali tad-Dwana u mill-Pulizija.[2] Din tal-aħħar kienet biss verifika *face value* permezz ta' liema x-*chassis* u l-*engine* numbers kif imniżżla fid-dokumenti ġew imqabbla ma' dawk li effettivament kienu fuq il-vettura[3];

8.4. Fis-16 ta' Jannar 2006 l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta awtorizzat ir-rilaxx tal-istess vettura[4] abbażi ta': (i) dokumenti li pprovda l-appellat, li kienet ġiet ukoll ittimbrata mill-Pulizija Maltija[5]; u (ii) garanzija bankarja maħruġa fit-13 ta' Jannar 2006[6];

8.5. Madanakollu, il-vettura in kwistjoni ma ġietx rilaxxjata mid-Dwana għaliex, għalkemm ir-rikorrent ħallas id-dazju u VAT mitlub mill-

[1] Fol. 92 et seq tal-proċess 439/09.
[2] Fol. 92 tal-proċess 439/09.
[3] Fol. 68 – 69.
[4] Fol. 29.
[5] Fol. 60.
[6] Fol. 64.

intimat, id-Dwana kellha dubju fuq il-valur li kien jidher fuq il-fattura maħruġa mill-aġent.[7] Frank Tartaglia, in rappreżentanza tal-intimat, xehed li '*peress li kienu karozzi għadhom ġodda għal Malta u ġejjin mhux mixtrijin mingħand id-ditta'* talab lil *'Joe mingħalija, wieħed mill-aħwa'* xi dokumenti addizzjonali sabiex jissostanzja l-valur kif xtara pero` *'baqa' ma ġabilna xejn.'*[8] Dan sabiex jiġi assigurat li titħallas it-taxxa effettivament dovuta. Xehed ukoll li, apparti l-kwistjoni tal-valur, ma kienx hemm rilaxx min-naħa tal-Pulizija;[9]

8.6. L-Ispettur Stephen Mallia da parti tiegħu xehed[10] illi għalkemm il-Pulizija tkun diġa` ħarġet *inspection form,* din tal-aħħar tkun ibbażata biss fuq aċċertamenti *face value.* Fil-fatt, meta saret dik l-ispezzjoni kien irriżulta li f'dan il-każ kien hemm żball f'*digit* wieħed tax-*chassis number* kif miktub fid-dokumenti għal dak li kien effettivament jidher fiżikament fuq il-vettura. Madanakollu tali diskrepanza kienet żgħira u mhux meqjusa suspettuża.[11] Xehed ukoll li l-proċedura dak iż-żmien kienet illi sussegwentement l-ADT tibgħat lill-pulizija lista ta' vetturi li jkunu ġew importati *second hand* għal verifiki ulterjuri fuq is-sistema tal-*Interpol*. Dan oriġinarjament ta eżitu negattiv, fis-sens li l-vettura ma kinitx misruqa. Iżda d-Dwana talbet lill-Pulizija tkompli tinvestiga għaliex '*skont huma kienu jidhru li huma ġodda wisq għal vetturi 2nd hand u*

[7] Fol. 96 u fol. 92 tal-proċess 439/09.
[8] Fol. 97, 99.
[9] Fol. 104 – 105.
[10] Fol. 67.
[11] Fol. 68.

*kellhom low mileage.'*[12] Il-pulizija b'xi mod saret ukoll taf li skont l-aġent lokali tat-Toyota, li kellu kuntatti mal-fabbrika, dik il-vettura kienet misruqa.[13] Il-pulizija għamlet għalhekk *double checking* mal-*Interpol* tal-Malażja u Dubai;[14]

8.7. Fil-frattemp, sakemm kienu qed isiru dawn l-aċċertamenti, il-vettura in kwistjoni ma ġietx liċenzjata u għalhekk ma setgħetx tintuża. Ir-rikorrent għalhekk:

(i) qabbad lill-kumpanija *Marine and Industrial Consultancy Services Limited* biex tispezzjona l-vettura, liema spezzjoni saret fl-10 ta' April 2006. L-imsemmija kumpanija ċċertifikat li '*the above chassis and engine numbers are authentic. No tampering was observed around the respective areas';*[15]

(ii) informa wkoll lid-ditta li mingħandha kien xtara l-vettura b'dan kollu, ċioe` G. K. Motors ġewwa Dubai, li min-naħa tagħha talbet lill-Interpol ta' Dubai sabiex tinvestiga. Fit-23 ta' April 2006, dawn tal-aħħar wieġbu li ma kienx hemm '*international conditions up to this date'*[16]*;* u

---

[12] Fol. 70.
[13] Skont il-paragrafu 31 tar-rikors tal-appell kienet id-Dwana li kkuntattjat lill-aġent Malti tat-Toyota sabiex tivverifika l-valur tal-vettura in kwistjoni. Madanakollu, l-ebda xhud ma kkonferma dan il-fatt.
[14] Fol. 71.
[15] Fol. 31.
[16] Fol. 32 *et seq*.

(iii) permezz ta' ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija datata 18 ta' April 2006 ir-rikorrent oġġezzjona għall-fatt li l-pulizija kienet qiegħda tieħu żmien twil biex tagħmel l-indaġni tagħha dwar il-provenjenza tal-vettura in kwistjoni u għall-fatt li fil-frattemp insistiet li ma tiġix rilaxxjata mid-Dwana minħabba l-investigazzjoni li kienet għaddejja;[17]

8.8. L-Ispettur Stephen Mallia xehed li l-*Interpol* ta' Dubai ma tantx ikkoperaw għaliex '*ladarba jkunu ħarġu l-exit export certificate tagħhom, huma qed jgħidulek indirettament li isma aħna għalina kienu tajbin'*.[18] Iżda fl-10 ta' Mejju 2006 l-*Interpol* tal-Malażja kkonfermat li l-vettura in kwistjoni, kif ukoll dawk ta' ħu u iben ir-rikorrent, kienu lkoll insterqu mill-Malażja fis-segwenti dati: '*waħda 16 ta' Novembru 2005, l-oħra 8 ta' Novembru 2005 u l-oħra 13 ta' April 2006.'*[19] Ikkonferma wkoll, peress li f'dan il-każ kien hemm diskrepanza żgħira fix-*chassis number*, li l-*Interpol* tal-Malażja tat l-informazzjoni abbażi tax-*chassis number* effettiv tal-vettura misruqa.[20] L-Ispettur Mallia ma kienx iżda f'pożizzjoni jgħid kif dik l-informazzjoni kienet irriżultat lill-*Interpol* tal-Malażja[21];

[17] Fol. 30.
[18] Fol. 74.
[19] Fol. 76 – għalkemm a fol. 71 xehed illi l-vetturi in kwistjoni kienu lkoll insterqu fl-2005.
[20] Fol. 77.
[21] Fol. 71, 76, 77.

8.9. Brian Farrugia, f'isem Transport Malta, xehed iżda li f'laqgħa li saret bejn id-direttur tal-Awtorita` għat-Trasport u l-Ispettur Stephen Mallia fid-9 ta' Novembru 2006, dan tal-aħħar kien informa lill-Transport Malta li l-vettura mportata mir-rikorrent kienet irrapportata misruqa fit-13 ta' April tas-sena 2004;[22]

8.10. L-Ispettur Stephen Mallia xehed ukoll li l-korrispondenza mal-*Interpol* tal-Malażja kompliet għaddejja dwar l-eventwali ripatriazzjoni tal-istess vetturi u li l-aħħar dokument li għandu fil-file huwa dak tat-13 ta' Jannar 2009 li bih il-pulizija nfurmat lill-Avukat Ġenerali bl-eżitu tal-aħħar korrispondenza mal-*Interpol* tal-Malażja.[23] Ikkonferma wkoll li l-ebda proċeduri kriminali ma ttieħdu mill-pulizija kontra r-rikorrent għaliex il-vettura ma daħlitx mill-pajjiz fejn kienet irraportata misruqa iżda minn Dubai u kif ukoll għaliex fl-ebda waqt ma rriżulta li r-rikorrent kien jaf li l-vettura kienet misruqa;[24]

8.11. Fit-18 ta' Frar 2009, id-Dwana elevat il-vettura;[25]

8.12. Fit-3 ta' April 2009 l-intimat ħareġ in-Nota ta' Qbid numru 42/2009 kontra r-rikorrenti skont l-Artikolu 60(b) tal-Ordinanza tad-Dwana[26]. Fiż-żmien in kwistjoni dak l-artikolu kien jipprovdi illi:

[22] Fol. 57.
[23] Fol. 130 – 131.
[24] Fol. 71, 76, 77.
[25] Fol. 35.
[26] Fol. 4.

*“60. Bla ħsara ta’ dak li jingħad espressament f’ liġijiet oħra-*

*...*

*(b) jekk oġġetti li tagħhom hija pprojbita l-importazzjoni jiġu importati jew imdaħħlin f’xi parti ta’ Malta; ...*

*f’kull każ bħal dan, l-oġġetti hawn fuq imsemmija għandhom jiġu kkonfiskati ...”*

9. Permezz tal-ewwel aggravju l-intimat jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat/mhux tajjeb biżżejjed tal-fatti għaliex:

9.1. M’għarfitx illi għalkemm il-vettura in kwistjoni ngħatat it-timbru tar-rilaxx mill-Awtorita` tat-Trasport, l-istess qatt ma ġiet rilaxxjata mid-Dwana. Jisħaq li dawn l-awtoritajiet għandhom funzjonijiet distinti minn xulxin u li minkejja li l-vettura in kwistjoni ġiet rilaxxjata mill-ADT, l-istess kienet ‘*konfiskata mid-Dwana, tant li kienet taħt siġill*’ u mgħoddija lir-rikorrent in kambju għal garanzija bankarja sakemm saru l-investigazzjonijiet neċessarji. Meta rriżulta mbagħad li l-vettura kienet misruqa, ħarġet in-nota ta’ Qbid u l-vettura ġiet elevata mingħand ir-rikorrent;

9.2. Fil-paragrafu 5 tas-sentenza appellata l-ewwel Qorti għamlet referenza għal dokument maħruġ mill-pulizija, u li kien biss ibbażat fuq verifiki *prima facie.* Madanakollu wara rriżulta, tramite l-aġent lokali tat-Toyota kif ukoll mill-Awtoritajiet tal-Malażja, li l-vettura in

kwistjoni kienet misruqa. Żewġ sorsi affidabbli li '*ma jħalli għalhekk l-ebda dubju dwar dan il-fatt'*;

10. Permezz tat-tieni aggravju jilmenta illi l-ewwel Qorti applikat il-liġi b'mod żbaljat għaliex:

10.1. kuntrarjament għal dak deċiż fil-paragrafu 15 tas-sentenza appellata, mhux minnu li r-rikorrent '*mexa perfettament in linea mal-liġijiet doganali billi pproduċa d-dokumenti mitluba minnu.'* Jisħaq li għalkemm ir-rikorrent ipproduċa d-dokumenti mitluba lilu mill-ADT, naqas li jipproduċi dokumenti ulterjuri biex jissostanzja l-valur tal-akkwist kif mitlub mid-Dwana;

10.2. kuntrarjament għal dak deċiż fil-paragrafu 16 tas-sentenza appellata, il-proċedura tal-konfiska hija waħda *in rem* b'dan illi l-kwistjoni tal-*buona fede* tar-rikorrent hi irrilevanti;

10.3. kuntrarjament għall-każ ta' Priscilla Cassar, li saret referenza għalih f'paragrafu 17 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 61(2) tal-Kap. 37, li jippermetti deroga f'każ ta' żball ġenwin, ma japplikax għal dan il-każ. Dan għaliex, l-Artikolu 61(1) tal-istess Ordinanza japplika biss għall-każijiet fejn xi oġġetti jkunu nstabu fi kwantita` aktar jew differenti minn dawk li jidhru fuq il-fattura tal-esportatur/dikjarazzjoni tal-importatur. Ċirkostanzi li

m’għandhom l-ebda applikazzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami, aktar u aktar fil-kuntest tal-fatt li l-liġi fiskali trid tiġi nterpretata restrittivament;

10.4. kuntrarjament għal dak li ngħad fil-paragrafu 19 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 62 tal-Ordinanza lanqas m’għandu applikazzjoni għall-każ odjern billi dan l-artikolu jirreferi għall-proċeduri kriminali. F’dan il-każ, il-proċedura hi waħda *in rem*;

10.5. kuntrarjament għal dak li jingħad fil-paragrafu 22 tas-sentenza appellata, hemm konferma mill-Interpol li l-vettura in kwistjoni hi misruqa. Fatt li jammonta għal ksur tal-Artikolu 60(1)(b) tal-Kap. 37 li jipprojbixxi l-importazzjoni ta’ oġġetti misruqa, irrispettivament jekk l-importatur jafx jew le li l-oġġett kien misruq;

10.6. jekk ir-rikorrent kien tassew *in buona fede* meta mporta l-vettura in kwistjoni, jista’ jirrikorri għal rimedju ċivili għad-danni kontra l-bejjiegħ tal-vettura;

10.7. kuntrarjament għal dak deċiż fil-paragrafu 23 tas-sentenza, l-Artikolu 71 tal-Ordinanza ma japplikax għall-każ odjern għaliex dan l-artikolu jirreferi għal tfitxijiet ta’ oġġetti

mportati/projbiti li fuqhom ma tħallasx dazju li jkunu moħbija f'bini privat fis-sens tal-Artikolu 335E tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali; u

10.8. skont l-Artikolu 72 tal-Kap. 37, billi l-qbid tal-vettura sar fil-preżenza tar-rikorrent, lanqas biss kien hemm bżonn li tinħareġ in-nota ta' Qbid 42/2009 hawn impunjata.

11. Il-Qorti ser tikkunsidra l-aggravji f'daqqa.

12. Dwar l-allegat żball ta' fatt, fil-paragrafu 5 tas-sentenza appellata l-ewwel Qorti sempliċement tat sommarju dwar dak li xehed Brian Farrugia uffiċjal tal-Awtorita` tat-Trasport f'Malta. Fil-paragrafu 7 qalet li minkejja r-rilaxx, l-Awtorita` u l-intimat naqsu jirreġistraw il-vettura in kwistjoni minħabba '*li kienu għaddejjin investigazzjonijiet mill-Pulizija fuq suspett li dawn it-tliet vetturi kienu misruqa peress li kienu kważi ġodda u kellhom low milage'.*

13. L-impreċiżjoni fattwali li qed tara l-Qorti fil-paragrafu 7 tas-sentenza appellata hija illi, għallinqas inizjalment, ma kien hemm l-ebda suspett li l-vettura in kwistjoni kienet misruqa. Ir-riżerva li kellha d-Dwana kienet <u>biss</u> għall-finijiet ta' valur li fuqu kellu jitħallas id-dazju u t-taxxa fuq il-valur miżjud. Dan joħroġ mill-affidavit ta' Francis Tartaglia a fol. 92 tal-proċess bin-numru 439/2009 fl-ismijiet <u>John Ellul v. Kontrollur tad-Dwana</u> kif ukoll mill-kontro-eżami tiegħu a fol. 95 *et seq*:

> *"Xhud: Dawn li ppreżentaw lid-dwana meta għaddew id-dokumenti imma aħna tlabnihom iżjed dokumenti biex jissostanzjaw il-valur kif xtraw illi qatt ma ġabulna jġifieri.*
>
> *Dr. Beppe Fenech Adami: Intom min-naħa tad-dwana rriżultalkom xi ħaġa il-kelma bl-ingliż sinister dwar il-karozzi?*
>
> *Xhud: Le, le normali li nitolbu iżjed dokumenti aħna jiġifieri fil-proċess tagħna jiġifieri tax-xogħol normali nitolbuhom iżjed dokumenti jiġifieri.*
>
> *Dr. Beppe Fenech Adami: Jiġifieri mhux għax kien hemm għorkitkom għajnejkom fuq dan il-każ?*
>
> *Xhud: Xejn partikolari le ... peress li kienu karozzi għadhom ġodda għal Malta u ġejjin mhux mixtrijin mingħand id-ditta, mingħand il-manifatturier nitolbuhom iżjed dokumenti.*[27]
>
> *...*
>
> *Xhud: ... l-valur aħna jinteressana mil-lat fiskali ..."*[28]

14. Bla dubju l-fatt waħdu li l-vettura in kwistjoni ġiet rilaxxjata mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, bl-ebda mod ma kien jorbot lid-Dwana sabiex tirrilaxxja l-istess vettura hi wkoll. Il-funzjoni tad-Dwana hi li tapplika u tenforza l-liġijiet doganali u fil-qadi ta' tali funzjoni għandha s-setgħat mogħtija lilha taħt l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37).

15. Mistoqsi dwar l-aċċertamenti li kienet qiegħda tagħmel il-Pulizija, Frank Tartaglia wieġeb illi:

> *"Xhud: Ma nidħlux fih dak aħna u qalulna qabel ma jkollna it-timbru may be released dwana ma titlaqhomx il-karozzi min-naħa tal-Pulizija jekk ma jkunux may be released"*[29]

[27] Fol. 100.
[28] Fol. 104.
[29] Fol. 104.

16. F'dan il-kuntest mhuwiex kontestat li fl-10 ta' Jannar 2006 il-pulizija kienet diġa` ħarġet *inspection form* permezz ta' liema kkonfermat li ma kienx hemm *tampering.* Għalkemm il-prassi kienet li sussegwentement il-pulizija terġa' tagħmel xi verifiki mas-sistema tal-*Interpol,* dan il-fatt waħdu ma kienx ta' impediment għar-rilaxx tal-vettura min-naħa tal-Awtorita` għat-Trasport. Verament li l-Awtorita` ħasset il-ħtieġa titlob lir-rikorrent iħallas garanzija bankarja għar-rilaxx. Iżda Brian Farrugia ma kienx f'pożizzjoni jgħid għalfejn kienet intalbet dik il-garanzija[30] u għalhekk, kuntrarjament għall-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-ewwel Qorti, m'hemm xejn li jindika li dak iż-żmien il-vettura ma ġietx liċenzjata minħabba xi suspett li kienet misruqa.

17. Lanqas ma hemm xi prova fis-sens illi dak iż-żmien il-vettura in kwistjoni kienet ġiet '*ikkonfiskata mid-Dwana, tant li kienet taħt siġill',* kif allegat fir-rikors tal-appell.[31] Jirriżulta biss li d-Dwana m'awtorizzatx ir-rilaxx għaliex ma kinitx sodisfatta bil-valur dikjarat mir-rikorrent. F'dan il-każ ir-rikorrent jaċċetta wkoll li l-vettura kienet siġillata.[32] Iżda <u>dan il-fatt waħdu ma jammontax għal konfiska</u>. Kien imbagħad fl-2009 li l-vettura ġiet <u>elevata</u> mid-Dwana. Dan wara informazzjoni li ngħatat mill-pulizija fis-sens illi, skont l-aġent tat-Toyota f'Malta u l-*Interpol* tal-Malażja, il-vettura in kwistjoni kienet misruqa. Xahar u nofs wara l-intimat ħareġ in-

[30] Fol. 61 u 62.
[31] Ara paragrafu 25 tal-appell.
[32] Fol. 27.

nota ta' <u>qbid</u> skont l-Artikolu 60(b) tal-Kap. 37 u li wasslet għal din il-kawża.

18. Għalhekk l-intimat għandu raġun jikkontendi li l-Artikoli 61 tal-Kap. 37, li jikkontempla każijiet fejn xi oġġetti mportati jkunu jinsabu fi kwantita` aktar minn jew differenti minn dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura tal-esportatur, u l-Artikolu 71 tal-istess Ordinanza dwar tfittxijiet fi djar jew bini ieħor, ma japplikawx għall-każ in eżami.

19. Japplikaw iżda l-Artikoli 60(b) u l-Artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana. Fl-2009 dan tal-aħħar kien jipprovdi kif ġej:

> *"(1) Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid, ta' oġġetti suġġetti għal konfiska taħt din l-Ordinanza, l-uffiċjal li jagħmel il-qbid għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda, jekk magħruf, sew billi jagħti dan l-avviż lilu personalment jew b'ittra irreġistrata indirizzata lilu jew imħollija fil-lok magħruf bħala l-aħħar li fih kien joqgħod jew li kellu n-negozju tiegħu f'Malta.*
>
> *(2) Il-ħwejjeġ maqbuda taħt din l-Ordinanza jitqiesu ikkonfiskati bis-saħħa tal-liġi stess u jistgħu jinbiegħu jew jista' jsir bihom xort'oħra, kif jordna l-Ministru responsabbli għad-dwana, kemm-il darba dak li mingħandu l-ħaġa tkun ġiet maqbuda, jew sidha, jew xi ħadd awtorizzat minnu, fi żmien tletin ġurnata mill-qbid, ma jagħtix avviż bil-miktub lill-Kontrullur, li hu jitlob lura l-ħwejjeġ hekk maqbuda jew li bi ħsiebu jitlobhom lura; f'dan il-każ il-persuna li titlob lura l-ħwejjeġ maqbuda għandha, fi żmien tletin ġurnata minn dak l-avviż, tibda l-proċediment meħtieġ quddiem il-qorti ċivili kompetenti, skond il-valur tal-ħaġa maqbuda, u, fin-nuqqas ta' dan il-jedd fuq din il-ħaġa jitqies li ġie mitluq ... "*

20. Ir-rikorrenti fetaħ il-kawża proprju abbażi ta' dak l-artikolu. F'dan ir-rigward, il-fatt li r-rikorrenti baqa' ma tax id-dokumenti mitluba lilu mill-

intimat,[33] huwa biss punt marġinali. Dan għaliex in-nota ta' qbid hawn kontestata mhux ibbażata fuq dak l-allegat nuqqas iżda fuq senjalazzjoni tal-pulizija tal-Malażja li l-vettura in kwistjoni kienet misruqa. Kien minħabba f'hekk li l-importazzjoni tal-vettura tqieset projbita skont dak li kien jipprovdi, f'dak iż-żmien, l-Artikolu 60(b) tal-Ordinanza tad-Dwana.

21. Stabbilit dan, l-intimat għandu raġun jilmenta li l-fatti tal-każ ta' **Cassar Priscilla et v. il-Kontrollur tad-Dwana** kienu differenti. Sentenza li l-ewwel Qorti rreferiet għaliha. Dak il-każ kien jitratta importazzjoni ta' alkoħol mhux dikjarat u li fuqu ma tħallasx dazju nkwantu kien allegatament intiż għall-użu personali. Fil-każ tal-lum l-intimat qabad il-vettura in kwistjoni għaliex qies l-importazzjoni tal-istess projbita minħabba li kellu tagħrif li nsterqet.

22. Il-Qorti taċċenna għall-fatt li l-intimat mhuwiex jikkontesta li r-rikorrent kien in *buona fede* meta xtara l-vettura (ara para. 32 tar-rikors tal-appell). Iżżid li:

> 22.1. L-Ispettur Stephen Mallia xehed illi l-aġent tat-Toyota lokali kien għamel kuntatt mal-fabbrika tat-Toyota u dawn kienu ndikawlu li l-vettura kienet misruqa. Madanakollu, ma kienx jaf jgħid min kien għamel kuntatt mal-aġent lokali tat-Toyota, jekk hux

[33] Kif jisħaq l-intimat f'paragrafu 31 tal-appell tiegħu.

il-pulizija jew id-Dwana[34]. F'kull każ, ix-xhud xehed fuq dak li jidher li qallu ħaddieħor, mhux magħruf min, u l-ebda rappreżentant tal-aġent f'Malta tat-Toyota ma tressaq bħala xhud. L-istess jingħad fir-rigward tal-argument tal-intimat fit-tieni aggravju, li *"Kien biss meta d-Dwana kkuntatjat lill-aġent lokali tat-Toyota sabiex jivverifika l-valur tal-valur tal-vettura li l-aġent lokali tat-Toyota informa lid-Dwana li l-vettura kienet tidher misruqa fuq id-database tat-Toyota"*. L-intimat kellu jressaq l-aħjar prova, ċioe` rappreżentant ta' Michael Debono Ltd, l-aġent tat-Toyota f'Malta. Il-fatt li ma ressaqx dik il-prova, l-intimat ma jistax jargumenta li dak li seta' qallu l-aġent hi prova li l-vettura misruqa.

22.2. L-Ispettur Stephen Mallia xehed ukoll li fl-10 ta' Mejju 2006 l-*Interpol* tal-Malażja nfurmat lill-Pulizija ta' Malta li l-vettura in kwistjoni, kif ukoll dawk ta' ħu u iben l-intimat, kienu nsterqu mill-Malażja fis-segwenti dati: '*waħda 16 ta' Novembru 2005, l-oħra 8 ta' Novembru 2005 u l-oħra 13 ta' April 2006.'*[35] Madanakollu, ix-xhud qal li ma kienx jafu x'inhu s-sors tat-tagħrif li tat l-*Interpol* tal-Malażja.[36] Dan apparti li bħala prova ma tressqitx xi korrispondenza mibgħuta mill-Interpol tal-Malażja lill-Pulizija

[34] Fol. 71.
[35] Fol. 76 – għalkemm a fol. 71 xehed illi l-vetturi in kwistjoni kienu lkoll insterqu fl-2005.
[36] Fol. 71, 76, 77.

Maltija. Mhux magħruf x'investigazzjoni saret mill-Interpol tal-Malażja u kif waslet għall-konklużjoni li l-vettura kienet misruqa.

22.3. Saħansitra, ma jistax ikun li l-vettura nsterqet fit-13 ta' April 2006 għaliex il-vettura waslet Malta f'Jannar 2006. Skont Brian Farrugia, uffiċjal ta' Transport Malta, f'laqgħa li saret bejn id-direttur tal-Awtorita` għat-Trasport u l-Ispettur Stephen Mallia fid-9 ta' Novembru 2006, dan tal-aħħar kien informa lil Transport Malta li l-vettura mportata mir-rikorrent kienet irrappurtata misruqa fit-13 ta' April tas-sena 2004.[37] Mill-atti jirriżulta iżda li l-vettura in kwistjoni kienet manifatturata fl-2005[38] u għalhekk lanqas ma jista' jkun li nsterqet fl-2004. Fatt ieħor li hu rilevanti.

22.4. Inoltre, l-intimat ma ressaq l-ebda dokument li kellha f'idejha l-pulizija lokali li setgħet irċeviet mingħand l-*Interpol* tal-Malażja.

22.5. Illi d-Dwana ta' Dubai rrilaxxjat *vehicle exit approval* tal-vettura in kwistjoni f'Diċembru tal-2005[39] u fit-23 ta' April, 2006 l-Interpol ta' Dubai kkonfermat li l-vettura kienet '*unwanted*'[40].

---

[37] Fol. 57.
[38] Fol. 103 – 104.
[39] Fol. 104 tal-proċess 439/2009.
[40] Fol. 24.

23. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li ma tressqux biżżejjed provi li l-vetturi x'aktarx huma oġġetti misruqa. L-oneru tal-prova kien fuq l-intimat u kellu dmir li jressaq l-aħjar prova. Ħaġa li m'għamilx.

24. Dwar l-aħħar punt sollevat fit-tieni aggravju (paragrafu 43 tal-appell) minn imkien ma jirriżulta li l-qbid tal-vettura in kwistjoni sar fil-preżenza tar-rikorrent. Jidher iżda li l-*vehicle withdrawal form* a fol. 35 ġiet iffirmata minn ċertu Carmel Ellul. F'kull każ in-nota ta' qbid ħarġet u r-rikorrent kellu kull dritt jikkontestaha skont il-liġi.

25. Permezz tat-tielet aggravju l-intimat jilmenta li m'għandux iħallas l-ispejjeż tal-kawża. Peress li l-Qorti ser tiċħad l-appell, dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż kollha a karigu tal-intimat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr